# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 12 ta' Ottubru 2016.**

**Rikors Numru: 334/2015 CSH**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Palm Court Ltd (C2677)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar il-5 ta' Novembru 2015 fir-Registru ta' din il-Qorti, fejn l-istess socjeta' talbet lill-Qorti tordna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hdax-il elef u tlieta u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€11,033.94) liema somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mas-servizz ta' telefonija (numru 21572339) bl-akkont numru 10196889 moghti mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti:

Dok. IZY1- ftehim ghall-akkont bin-numru 10196889;
Dok. IZY2- prospett ghall-akkont bin-numru 10196889;
Dok. IZY3- estratt mir-Registru tal-Kumpaniji ta' Malta;
Dok. IZY4- kopja ta' ittra ufficjali mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Ligijiet ta' Malta;

U dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-atti ta' dan ir-rikors promotur permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-6 ta' Settembru 2016 (fol 29).

Rat ukoll li s-socjeta' konvenuta giet notifikata meta il-Marixxall Eugenio Mallia halla kopja tar-rikors promotur imwahhal fl-indirizz moghti fir-rikors pprezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Marzu 2016 u cioe' Albert Borg, Palm Court Limited, Qawra Inn, Flatt 600, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar nhar il-25 ta' Awwissu 2016 skond it-timbru ta' l-istess Marixxall a fol. 30 tergo tal-process.

Illi s-socjeta' konventua giet ukoll notifikata bir-rikors promotur permezz ta' estratt li deher fil-gazzetta lokali 'The Times of Malta' nhar l-1 ta' Settembru 2016 (fol. 32).

Semghet lil Marisa Galea Debono tixhed in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u tghid li hija qieghda tahdem fil-credit control ta' din is-socjeta' u kkonfermat li l-kreditu taghhom kif indikat fir-rikros promotur ghadu dovut fl-intier tieghu u li s-socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament akkont fil-mori ta' din il-pendenza.

Il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elef u tlieta u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€11,033.94) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta kif mitluba fir-rikors promotur.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**